MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## FRANCESCO DEPASQUALE

Seduta tat-3 ta' Mejju, 2013

Avviz Numru. 359/2008

**Roderick Zammit**
**(ID 550076M)**

**vs**

**Joseph Francis Zammit**
**(ID 102171M)**

Il-Qorti,

Rat ir-rikors ippresentat minn Roderick Zammit fil 15 ta' Ottubru 2008 illi biha huwa talab lill dina l-Qorti tordna lill-intimat Joseph Francis Zammit ihallas is-somma ta' hdax-il elf, sitt mija u sitta u erbghin Euro u wiehed u tmenin centezmu jew somma ohra verjuri u dana in kumpens ta' danni u dizabbilta' sofferti mir-rikorrent u kkagunati lilu

mill-intimat rizultat ta' incident illi sehh bejn il-partijiet fis sbatax ta' Dicembru 2006.

Rat illi fit 13 ta' Novembru 2008, l-intimat Joseph Francis Zammit laqa' ghal dak lilu attribwit billi stqarr illi t-talbiet attrici kellhom jigu michud bl-ispejjez peress illi l-agir tal-konvenut kient wiehed ta' legittima difeza ipprovokat totalment mill-attur stess filwaqt illi sahaq li, stante li d-danni kkagunati kienu kkawzati minn glieda u ghalhekk "huma danni konsegwenzjali ghal azzjoni kriminuza vera u proprja", ghandhom japplikaw il-principji tad-dritt penali fejn tidhol responsabbilta'. L-intimat ghanel ukoll eccezzjoni preliminari illi giet irtitrata fis seduta tad 9 ta' Dicembru 2008.

Flimkien mar-risposta tieghu, l-intimat ressaq talba rikonvenzjonali fejn talab lill-Qorti sabiex tikkundanna lir-rikorrent jersaq ghal likwidazzjoni u hlas tad-danni kkagunati lilu konsegwenza tal-aggressjoni li ghamel ir-rikorrent fuqu fis-sbatax ta' Dicembru 2006.

Ir-rikorrent, fit 18 ta' Frar 2009, ressaq risposta ghat-talba rikonvenzjonali fejn eccepixxa illi t-talba hija preskritta filwaqt illi sahaq li l-pretensjonijiet huma infondati fil-fatt u fid-dritt peress illi kien l-intimat illi agredixxa lir-rikorrent u ghax l-intimat ma sofra ebda danni.

Rat ix-xhieda viva voce ta' **Roderick Zammit** moghtija fit 18 ta' Frar 2009 u d-dokumenti minnu ppresentati.

Rat ix-xhieda tal-konsulent kirurgu ortopediku **Mr Charles Grixti** moghtija fl-24 ta' Marzu 2009 fejn indika d-

dizabbilta' permanenti li sofra Roderick Zammit fil-percentagg ta' hamsa fil-mija (5%).

Rat l-affidavit tal-konsulent kirurgu rikostruzzjoni plastika **Mr Joseph Emanuel Briffa** ippresentat fid 19 ta' Jannar 2010 fejn indika d-dizabbilta' permanenti li sofra Roderick Zammit fil-percentagg ta' sitta fil-mija (5%).

Rat illi fl-14 ta' April 2010 ir-rikorrent iddikjara illi ma kellhux aktar provi x'jippresenta.

Rat illi fl-10 ta' Settembru 2010, ir-rikorrent ippresenta kopja ta' sentenza moghtija mil-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali fit 3 ta' Gunju 2010 f'proceduri mibdija mill-Puluzija kontra l-intimat Joseph Francis Zammit fejn l-istess intimat instab hatitall- fis 17 ta' Dicembru 2006, ghal habta tal-11.20pm, gewwa l-Belt Valletta, ikkaguna offizi ta' natura gravissima fuq ir-rikorrent, ghal liema akkuzi huwa gie ikkundannat piena ta' prigunerija ta' sitt xhur sospizi ghal sentejn, liema sentenza ma jidhirx li giet appellata.

Rat illi fit 13 ta' Ottubru 2010, gie ippresentat l-affidavit tal-intimat **Joseph Francis Zammit** flimkien ma' dokumentazzjoni.

Rat illi fit 2 ta' Dicembru 2010, l-intimat talab illi jigi appuntat espert mediku biex jigi ezaminat r-rikorrent in kwnatu jirrigwarda id-dizabilta' permanenti illi allegatament sofra.

Rat illi fis 7 ta’ Dicembru 2010, gie nominat it-Tabib Mario Scerri sabiex jirrelata dwar id-dizabbilta’ permanenti ta’ Roderick Zammit.

Rat illi fid 19 ta’ Jannar 2011, il-Qorti giet infurmata illi Dr Mario Scerri kien gia involut fil-proceduri kriminali u ghalhekk gia esprima opinjoni u, wara nota konguntiva tal-partijiet, gie nominat Dr Alec Sultana fit 28 ta’ Frar 2011 bl-istess inkarigu.

Rat illi fil 5 ta’ Mejju 2011 l-intimat talab lill-Qorti sabiex testendi l-inkarigu tal-espert mediku biex jezamina lill-intimat ukoll dwar id-dizabbilta’ permanenti li allegatament sofra l-intimat ukoll, liema talba intlaqghet fis 6 ta’ Gunju 2011.

Rat illi fis 6 ta’ Gunju 2011, il-Qorti giet infurmata illi Mr Alec Sultana ma kienx kirurgu tar-rikostruzzjoni plastika u ghalhekk ma setax jespleta l-inkarigu u ghalhekk l-inkarigu tieghu gie moghti lill Dr Francis Darmanin.

Rat illi fid 9 ta’ Awissu 2011, il-Qorti giet infurmata li Mr Francis X Darmanin ma accettax l-inkarigu peress illi kien imhabbat hafna u ma kellux hin biex jespelta l-inkarigu moghti lilu mill-Qorti.

Rat illi fis 7 ta’ Ottubru 2011, il-partijiet qablu fuq ir-raba tabib sabiex jespleta l-inkarigu ta’ espert mediku tal-Qorti, ossija Mr Anthony Zammit, li ghalhekk gie appuntat mill-Qorti sabiex jezamina iz-zewgt partijiet fuq id-dizabiltajiet permanenti illi huma soffrew.

Rat illi fit 8 ta’ Frar 2012, il-Qorti giet infurmata illi r-rapporti kienu gew ppresentati u kien jonqos illi jithallsu u ghalhekk il-Qorti ordnat lill-konvenut ihallas provizzorjament ir-rapporti.

Rat illi fit 2 ta' Novembru 2012, deher l-espert mediku Mr Anthony Zammit illi ippresneta u kkonferma bil-gurament iz-zewgt rapporti illi huwa ghamel fuq Roderick Zammit u Joseph Francis Zammit, f'liema rapporti huwa kkonkludi illi Roderick Zammit sofra disabbilta' permanenti fil-percentagg ta' sitta fil-mija (6%) filwaqt illi Joseph Francis Zammit sofra disabbilta' permanenti fil-percentagg ta' wiehed punt hamsa fil-mija (1.5%).

Rat illi fl 10 ta' Dicembru 2012, il-partijiet qablu illi l-kawza tista tithalla ghas-sentenza fuq il-provi illi kien hemm.

Rat is-sottomissjonijiet tal-partijiet

**Fatti**

Illi l-kawza odjerna tirrigwarda danni ossija griehi ta' natura permanenti illi kemm ir-rikorrent kif ukoll l-intimat soffrew rizultat ta' glieda illi nqalghet bejn iz-zewgt partijiet fil-lejl tas-17 ta' Dicembru 2006.

Skond ir-rikorrent, dak il-lejl, huwa kien ghaddej minn Strada Merkanti bil-vettura fil 11.30pm, peress illi dak iz-zmien wiehed seta jghaddi bil-karozza minn go fiha, u dar fi Triq Melita meta sejjahlu l-intimat Joseph Francis Zammit. Ghalhekk, r-rikorrent waqaf biex jara xi gralu u l-intimat "*nizel, hatafni u qalli inti ttantajtli lill tieghi, gidimni, qatali two point five centimeters (2.5cm) minn xuftejja, gidimli subajja u b'difrejh ghamilli xi erbgha punti f'widnejja x-xellugija*".

Skond l-intimat, minn naha l-ohra, dak il-lejl, huwa kien ghalaq il-hanut tieghu 'Anglo Maltese' gewwa Strada

Merkanti u kien sejjer lejn Marsamxett u, hekk kif miezel go Triq Melita, lemah vettura quddiemu li fiha kien hemm ir-rikorrent, wieqaf u, kif jghid l-intimati "*F'daqqa wahda hareg wiehed minn din il-Mercedes. Gie fuqi u qalli "ghalfejn bdejt tpaqpaq?" u offendieni. Lanqas tani cans niccaqlaq ghaliex kif kont ghadni bilqieghda fil-karozza, tani daqqa ta' ponn go snieni. Fetahli l-bieba, gebidni 'l barra mill-karozza u beda jaghtini. Spiccajna ma' l-art, L-ewwel gidimni taht dari. Imbghad huw ta' s-salt biex jigdimli wicci. Hekk kif rajtu gej, bdejt inzommlu halqu b'idejja u hu reggha gidimli subajja. Cedejt idejja u gie ma' wicci.*"

Illi l-unika xhieda illi hemm ta' tali incident tant skabruz kienu z-zewgt partijiet biss.

**Disabbilta' permanenti soffert mill-partijiet**

Illi l-espert imqabbad mill-Qorti Mr Anthony Zammit ezamina zewgt partijiet u seta jikkonstata illi z-zewgt partjiet kellhom dizabbilta' pernanenti.

Dwar **Roderick Zammit**, huwa stqarr is-segwenti u l-Qorti ser tirriproduci l-konkluzjonijiet tieghu ghall-kompletezza tas-sentenza:-

*"Mr Roderick Zammit's complaints are to be taken as truthful. His scars are all of permanent nature.*

*The scar at the middle aspect of his lower lip is visible due to its location and cannot be corrected surgically. The mucosal bulge at the inner aspect of the lower lip is not visible but can affect his biting and chewing and would result to frequent biting of the area concerned, more so as it is not sensitive to pin-prick. Talking can be also affected*

*and whistling is not possible. Drinking, using a straw, would present difficulties.*

*The scars at the dorsal and volar aspect of the left index finger are well healed and only visible to close inspection. The 25 degree loss of flexion at the distal inter-phalangeal joint of the left index finger is permanent and is probably due to joint injury. This will not improve with time but might predispose to early arthritic changes of this joint causing further immobility and pain.*

*The scar on the posterior aspect of the left pinna is well healed and not visible due to its location but would result in pain in cold temperatures becoming more sensitive to frost-bites.*

*On the bases of the above-mentioned complaints and findings, the percentage permanent disability that Mr Roderick Zammit has sustained can be taken as follows:-*

*Lower lip region : 5%*
*Scarring of left pinna : 0.25%*
*Scarring at left index finger: 0.25%*
*Limitation of movement at left distal inter-phalangeal joint : 0.5%*

*Total Permanent Disability: 6%*

Dwar **Joseph Francis Zammit**, huwa stqarr is-segwenti u l-Qorti ser tirriproduci l-konkluzjonijiet tieghu wkoll bhal precendenti, ghal kompletezza tas-sentenza:-

*There is a 1.5cm in length well evidence but well healed scar at the right side of the upper lip extending from the right side of the case of the nose and slanting downwards involving the vermillion of the upper lip. The vermillion line shows a step-wise configuration.*

*The movements of the upper lip and normal. Whistling is possible. There is no sensory loss. No damage has been done to the upper set of teeth.*

*Mr Joseph Zammit's complaints are to be taken as truthful. His scar is permanent in nature. On the basis of the above-mentioned complaints and findings, the percentage permanent disability that Mr Joseph Zammit has sustained can be taken to amount to 1.5%.*

**Eccezzjoni ta' Preskrizzjoni**

Ir-rikorrent, fl-eccezzjonijiet minnu imressqa, eccepixxa preliminarjament illi t-talba rikonvenzjonali tal-intimat kienet preskritta, izda imkien f'tali eccezzjonijiet, huwa qatt indika liema preskrizzjoni huwa applikabbli ghall-eccezzjoni minnu mqajjma u ghalhekk hija vaga wisq.

Il-Qorti taghmel referenza ghas-sentenza 'Nicola Jayne deegan gia Grixti u Peter Paul Busuttil vs Fleming Properties Limtied' deciza mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fil 15 ta' April 2013, kkwotata mill-intimat fin-nota ta' sottomissjonijet tieghu, fejn jinghad is-segwenti dwar kaz simili ta' eccezzjoni ta' preskrizzjoni vaga:-

*"L-artikolu 2111 tal-Kap 16 jispecifika illi l-Qorti ma tistax taghti ex officio effett ghal preskrizzjoni jek din ma tigix eccepita mill-parti interessata. Dan ifisser li l-Qorti ma tistax tissuplixxi hi ghan-nuqqas tal-parti u tfittes hi biex tara hix applikabbli ghal kaz xi preskrizzjoni partikolari li ma tkunx indikata b'mod car u esplicitu minn min jinvokaha"*

Illi l-Qorti tinnota li fil-kaz fuq imsemmi, l-Qorti kellha hjiel ghal liema preskrizzjoni kienet qed issir referenza, peress illi dana irrizulta mill-provi. Fil kaz odjern, ma saret

assolutament ebda referenza ghal-preskrizjoni fil-provi u ghalhekk il-Qorti bl-ebda mod ma hija edotta dwar liema preskrizzjoni ghandha tikkonsidra.

Ghalhekk, l-eccezzjoni tar-rikorrent ta' preskrizjoni kif maghmulha qed tigi respinta.

**Eccezzjoni ta' Responsabbilta'**

Iz-zewgt partjiet, imbghad, iressqu l-istess eccezzjonijiet kontra xulxin, ossija illi t-talbiet huma infondati fil-fatt u fid-dritt peress illi, fil-kaz tar-rikorrent, kien l-intimat li aggredixxa r-rikorrent, filwaqt illi fil-kaz tal-intimat, ghax l-intimat kien qieghed jiddefendi lilu nniffsu minn attakk tar-rikorrent.

Illi mill-provi prodotti, jidher illi kien hemm glieda kbira bejn iz-zewgt partijiet, f'liema glieda, il-partijiet, mhux biss gew fl-idejn, izda bdew jigdmu lill xulxin u kkawzaw feriti gravi lill xulxin, liema fatt jindika b'mod car li t-tnejn li huma kkawzaw griehi lill xulxin volontarjament.

Illi, iz-zewgt partijiet jaghti verzjonijiet opposti dwar kif sehh l-incident. Ir-rikorrent jghid illi hekk kif niezel f'Melita Street, huwa sema lill-intimat jghajjatlu u waqaf biex jara x'gara u l-intimat hatfu u beda jaghtih bil-ponn u gidmu. L-intimat, da parte tieghu, jghid illi kien niezel minn Melita Street meta ra lir-rikorrent quddiemu, liema rikorrent waqaf, hareg mill-vettura tieghu, avvicina lill-intimat, tah daqqa' ta' ponn fil-vettura stess, imbghad hargu mill-karozza, u bdew jaghtu u gidmu wkoll.

Illi l-Qorti tinnota li l-intimat gia intsab hati tal-kaz fi proceduri Kriminali u l-Qorti ma hijiex a korrent jekk attwalment sarx appell minnu. Madanakollu, dana ma jfissirx illi l-Qorti ghandha, in vista ta' tali htija, tezimi lir-

rikorrent minn kwalsiasi responsabbilta' fil-glieda illi sehhet.

Il fatti huwa li huma, u jirizulta ben car illi ir-rikorrent ikkawza griehi permanenti fuq l-intimat filwaqt illi l-intimat ikkawza griehi permanenti fuq ir-rikorrent u, irrispettivament minn min wassal sabiex tali glieda tinbeda, iz-zewgt partijiet gahndhom jirrispondu ghall-agir taghhom u, ghalhekk, ghandhom jaghmlu tajjeb ghal dak li kkawzaw, u dana fi kwoti indaqs, ossija mija fil mija (100%).

**Danni**

Il-Qorti rat illi fil-kawza odjerna, Damnun Emergens ma intalab minn ebda mill-partijijiet u ghalhekk il-Qorti ser tghaddi biex tikkonsidra il-Lucrum Cessans li kull parti soffriet.

Illi bhala dizabbilta' l-espert tal-Qorti, Mr Anthony Zammit stabilixxa illi r-rikorrent Roderick Zammit sofra disabbilta' permanenti fl-ammont ta' sitta fil-mija (6%), filwaqt illi l-intimat Joseph Francis Zammit sofra disabbilta' permanenti fl-ammont ta' wiehed punt hamsa fil-mija (1.5%), u l-Qorti ma tara ebda raguni gahliex ma ghandhiex tadotta tali percentaggi bhala d-dizabbilta' li ghandha tigi meqjusa fil-kalkoli tad-danni dovuti liz-zewgt partjiet.

Illi mill-provi prodotti, ma ngiebet ebda prova miz-zewgt partijiet tal-introjtu illi huma kellhom fil-mument illi gara l-incident, u ghalhekk il-Qorti ser tghaddi biex tapplika bhala rata li fuq ser tithaddem id-danni dovuti il-paga minima nazzjonali vigenti fid-data li gara l-incident, liema rata hija stabbilita mill-Ordni ta' Standard Nazzjonali dwar l-Inqas Paga Nazzjonali (L.S. 452.71) fl-ammont ta' mija u

erbgha u tletin Euro u tnejn u tmenin centezmu (€134.82) fil-gimgha.

Dwar il-multiplier illi ghandha tkun applikabbli, il-Qorti ser timxi fuq il-prassi mehuda mill-Qrati tul iz-zminijiet illi l-multiplier ghandu jigi kkalkolat fuq il-hajja lavorattiva tal-parti leza hekk kif applikabbli meta gara l-incident, jigifieri sa wiehed u sittin sena (61). Issa, fil kaz tar-rikorrent, meta sehh l-incident, huwa kellu tletin sena (30) filwaqt illi l-intimat kellu hamsa u tletin sena (35).

Fl-ahhar nett, dwar il-lump sum payment, il-Qorti tinnota illi d-dilungar inutili da parte mill-partijiet tul il-proceduri kollha jimmilitaw kontra il-vantagg li l-Qrati jaghtu lil min jitlob ghal tali riduzzjoni biez taghmel tajjeb ghall-interessi mitluba, u ghalhekk il-Qorti ser tapplika l-oghla rata ta' tnaqqis adoperat mill-Qrati taghna, ossia tnaqqis ta' ghoxrin fil-mija (20%).

Tenut kont tal-konsiderazzjonijiet kollha hafn fuq maghmulha il-lucrum cessans taz-zewgt partijiet ghandu jkun kif gej:-

A. Il-paga hija ta €134.82 ghal 52 gimgha:
€7,010

A. Multiplier:-

A. Roderick Zammit: €7,010 ghal 31 sena €217,310

B. Joseph Zammit: €7010 ghal 26 sena €182,260

A. Dizabbilta:-

A. Roderick Zammit: 6% ta' €217,310: €13,038.60

B. Joseph Zammit: 1.5% ta' €182,260: € 2,733.90

A. Lump Sum Payment Deduction

A. Roderick Zammit: 20% ta' €13,038.60 € 2,607.72

B. Joseph Zammit: 20% ta' € 2,733.90 € 546.78

A. Danni residwali wara tnaqqsi tal-Lump Sum Deduction

A. Roderick Zammit: **€10,430.88**

B. Joseph Zammit: **€ 2,187.12**

**Konkluzjoni**

Il-Qorti,

Wara illi rat il-provi kollha prodotti u d-dokumentazzjoni minnhom prodotti,

Wara illi rat ir-rapporti redatti mill-Espert Mediku imqabbad mill-Qorti Mr Anthony Zammit,

Tghaddi biex taqta u tiddeciedi billi,

Filwaqt illi **tichad** l-eccezzjoni tal-intimat kif ukoll l-eccezzjoni tar-rikorrenti ghat-talba rikonvenzjonali tal-intimat

**Tilqa** t-talba attrici kif ukoll it-talba rikonvenzjonali tal-intimat u ghalhekk

**Tikkundanna** lill-intimat Joseph Francis Zammit ihallas lir-rikorrent is-somma ta' ghaxart elef, erbgha mija u tletin

Euro u tmienja u tmenin centezmu (€10,430.88) bhala danni sofferti mir-rikorrent u kkawzati mill-intimat fil-glieda illi sehhet bejn il-partjiet fis-17 ta’ Dicembru 2006, u

Tikkundanna lir-rikorrent Roderick Zammit ihallas lill-intimat is-somma ta’ elfejn, mija u sebgha u tmenin Euro u tnax-ic-centezmu (€2,187.12) bhala danni sofferti mill-intimat u kkawzati mir-rikorrent fil-glieda illi sehhet bejn il-partijiet fis-17 ta’ Dicembru 2006.

In vista tar-responsabbilta’ ugwali da parte taz-zewgt partijiet ghal glieda li wasslet ghal kawza odjerna, l-ispejjez tal-kawza odjerna ghandhom jigu sofferti b’mod ugwali bejniethom.

L-imghax fuq is-sorte tibda tiddekiorri mid-data tas-sentenza sad-data tal-pagament effettiv.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------